MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 497/2003

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha John G. Cassar Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Lewis Magri & Sons Trucking Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm173), hsara fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment

MV Zebbug fil-5 ta' Marzu 2002 u liema danni diga' thallsu mis-socjeta attrici skond il-polza.

Is-socjeta konvenuta kkontestat ir-responsabbilta

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-
1. Il-fatti rilevanti ghall-kaz huma s-segwenti:-

[a] Is-socjeta konvenuta taghmel xoghol ta' garr ta' merkanzija.

[b] Is-socjeta konvenuta giet inkarigata sabiex iggorr u titrasporta merkanzija tal-kumpannija John G. Cassar Limited mill-Italja ghal Malta. Is-socjeta konvenuta tat stima [Dok. AM2] u l-kumpannija John G. Cassar Limited accettat [Dok. AM1].

[b] Waqt il-vjagg il-vettura li kienet qeghda ggorr il-merkanzija kienet involuta f'incident tat-traffiku u l-merkanzija garrbet il-hsara.

[c] Meta l-merkanzija waslet Malta, il-kumpannija konvenuta baghatet avviz lill-kumpannija John G. Cassar Limited [Dok. AM3], fejn jinghad *"Transport of cargo is subject to CMR Conditions"*.

[d] Is-socjeta konvenuta ma assumitx htija ghall-akkadut u baghtet ittra [datata 6 ta' Mejju 2002 – fol. 22] fejn gharrfet lill-kumpannija John G. Cassar Ltd li: *"at this stage, we cannot accept any form of liability for any damages to the captioned matter including any other damages and consequential losses to the cargo since the alleged incident occurred through circumstances which we could not avoid and the consequences of which we were unable to prevent"*.

[e] Is-socjeta attrici hija l-kumpannija assiguratrici ta' John G. Cassar Limited u rrizulta li hija ghamlet tajjeb ghad-danni u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha [fol. 17].

It-Tribunal m'huwiex tal-fehma li l-ftehim ta' garr in kwistjoni huwa suggett ghal *Convention on the Contract for International Goods by Road*, maghrufa ahjar bhala CMR Rules. Sabiex tapplika din il-Konvenzjoni jrid ikun hemm ftehim espress [ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **George Bonnici et noe vs Joseph Vella et noe** deciza fit-12 ta' Dicembru 2001 – Citaz. Numru 669/95RCP]. Il-fatt li fin-*notice of arrival* moghti mill-kumpannija konvenuta jinghad li t-trasport tal-merkanzija huwa soggett ghar-regoli tal-Konvenzjoni, m'huwiex bizzejjed. Il-partijiet kellhom jiftehmu fuq l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni meta kkonkludew il-ftehim. Il-kumpannija konvenuta ma kellha l-ebda dritt li b'mod unilaterali tipprova tvarja l-kondizzjonijiet tal-ftehim, meta ma jirrizultax li kien hemm ftehim espress fuq l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni meta sehh il-ftehim. Il-fatt li l-kumpannija assigurata kienet ilha zmien twil klijent tal-kumpannija konvenuta u fin-*notice of arrivals* dejjem tissemma li l-garr tal-merkanzija huwa soggett ghal CMR Conditions, ma jfissirx b'daqshekk li fir-rigward tal-ftehim meritu tal-kawza kellhom bilfors japplikaw ir-regoli tal-Konvenzjoni.

2. Mill-provi rrizulta li l-vettura li fuqha kienet qeghda tingarr il-merkanzija kienet involuta f'incident tat-traffiku. Incident li ma jirrizultax li kellu l-origini tieghu fuq xi nuqqas min-naha tas-socjeta konvenuta. L-azzjoni tal-kumpannija attrici hija ghad-danni bbazata fuq il-kuntratt ta' garr. Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et** [Citaz. Numru 1264/91TM] deciza fit-3 ta' Lulju 2003, ***"fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik***

***l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll"***. F'din l-istess sentenza saret riferenza ghall-ezempju li jati l-awtur Torrente:- *"se io viaggio in tram, e quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficiente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti [Torrente & Schlesinger, "Manuale di Diritto Pirvato", para 394 pg 639"*.

3. L-obbligu tal-kumpannija konvenuta kien li tikkonsenja l-merkanzija fl-istat li rcevitha. Fatt li ma sehhx fil-kaz odjern ghaliex il-merkanzija kienet danneggjata. Jispetta ghalhekk lis-socjeta konvenuta li tati prova li ma kellhiex kontroll fuq dak li gara. Wiehed irid jiftakar li proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ma jsirux ghab-bazi tal-*best evidence rule*. Tant hu hekk li l-Artikolu 9(2)(b) ta' l-Att V ta' l-1995 [Kap. 380] jipprovdi li t-Tribunal m'huwiex ***"marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor, jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta"***. Madankollu, it-Tribunal jemmen li f'dan il-kaz seta' facilment tressaq bhala xhud ix-xufier [impjegat tas-socjeta konvenuta] li kien involut f'dan l-incident sabiex jaghti l-verzjoni tal-fatti ta' kif sehh l-incident. Huwa minnu li wiehed mix-xhieda mressaq mis-socjeta konvenuta [Noel Ellul – seduta tad-19 ta' Gunju 2003] pprezenta kopja ta' rapport li sar minn certu Francesca Mola u fejn hemm deskrizzjoni tad-dinamika ta' l-incident. Pero' dan id-dokument lanqas mhu kkonfermat bil-gurament apparti l-fatt li l-kumpannija attrici oggezzjonat ghal produzzjoni tieghu jekk ma jigix ikkonfermat bil-gurament minn min irredigih. Inoltre Aronne Magri [rapprezentant tas-socjeta konvenuta] u li xehed fis-seduta tad-19 ta'

Gunju 2003, sempliciment qal li kien hemm trukk li tilef il-kontroll u habat fit-trukk li kien qieghed igorr il-merkanzija tal-kumpannija John G. Cassar Ltd minghajr ma ta dettalji. Apparti l-fatt li fil-hin ta' l-incident ix-xhud ma kienx prezenti, it-Tribunal jerga' jtenni li messu tressaq bhala xhud ix-xufier tat-trukk li seta' jitfa' dawl fuq dak li verament gara fil-hin ta' l-incident.

4. Fic-cirkostanzi partikolari t-Tribunal jemmen li s-socjeta konvenuta ma ressqitx il-provi necessarji sabiex tiskolpa ruhha u sabiex turi li dak li gara kien rizultat ta' incident li ma kellha l-ebda htija ghalih.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm173), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-kumpannija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------